**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Seduta D.I.E.R.**

**Illum:** 9 ta' Mejju, 2018

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sylvana Zrinzo Azzopardi)**

**-vs-**

**Joseph Meli, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 206542M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża migjuba fil-konfront tal-imputat Joseph Meli u ċioè talli:

> Fil-kwalita' tiegħu ta' direttur u/jew segretarju ta' kumpanija u/jew rappreżentant ġuridika tas-soċjeta' kummerċjali **'FOMECO LTD' (C 20438),** b'indirizz reġistrat 21, Virginio Monti Street, Birkirkara (Malta) u/jew bħala l-persuna li kien inkarigat mill-istess socjeta' kummerċjali sabiex jħallas l-pagi dovuti, naqas li jħallas l-**pagi** dovuti għall-perjodu ta' bejn l-01 ta' April, 2013 u d-09 ta' Mejju, 2014, li jammontaw għal **€13,113.10,** naqas li jħallas l-**Bonus Statutorju** dovut għall-perjodu ta' bejn 01 ta' Jannar, 2013 u d-09 ta' Mejju 2014, li jammonta għal **€365.66,** u naqas li jħallas l-**Weekly Allowance** dovut għall-perjodu ta' bejn l-01 ta' April, 2013 u d-09 ta' Mejju, 2014, li jammonta għal **€269.35,** li b'kollox jammontaw għal **€13,748.11** akkont ta' liema saru diversi pagamenti bl-

ammont totali ta' **€1,812.07** bil-bilanċ rimanenti dovut ta' hdax-il elf disa' mija sitta u tletin ewro u erbgħa ċenteżmi **(€11,936.04),** inklużi t-taxxa u l-bolla, liema ammont kien dovut lill-ex impjegat tiegħu, u cioe' lil **Emanuel (Noel) k/a Noel Marshall (ID Numru 475162M),** fid-09 ta' Mejju, 2014.

Għaldaqstant, il-Qorti ġiet mitluba tordna lill-imputat, ai termini tal-Artikolu 45(1) tal-Kapitlu 452 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jħallas il-penali skont il-Liġi, kif ukoll tordna lill-imputat, ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kapitlu 452 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex iħallas lil **Emanuel (Noel) k/a Noel Marshall (ID Numru 475162M)** l-ammont ta' ħdax-il elf disa' mija sitta u tletin ewro u erbgħa ċenteżmi **(€11,936.04)**, għar-raġunijet hawn fuq speċifikati

Rat id-dokumenti;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat-

Illi l-parte leza **Noel Marshall** xehed li wara li fl-ewwel tlett xhur li rritorna jahdem mal-imputat, ircieva €5000 zejda ma kull paga, ftit wara l-imputat rega' waqaf milli jhallsu regolarment tant li wasal sabiex ihalli l-impjieg. Kien hemm laqgha mal-accountant tal-imputat, Paul Camilleri, li Marshall jghid kien intlahaq ftehim mieghu li kellu jiehu madwar €11,900. Ir-rendikont sar billi *"Niccekja ma Paul Camilleri hu jiccekja l-istub tac-cheque u jghidli iva mela dik thallset u naqtaghha."*. Spjega kif kien jithallas billi kien jigi moghti cekk, jiffirma fuq wara u jerga' jaghtih lill-imputat li kien ihallsu fi flus kontanti. Camilleri kien indikalu diversi cekkijiet li kien ffirma fuqhom l-parte leza u, fejn kien hemm qbil fuq l-ammonti, dawn gew imnaqsa mill-ammont li kien qed jippretendi filwaqt ghall-ammonti li ma nstabux ic-cekkijiet ghalihom, dan kienu ghadhom dovuti.[1] Meta gie riprodott spjega li hu kien dovut mal-€13,000 u din id-diskrepanza bejn il-figura li wasal ghalih id-dipartiment u dak pretiz minnu kien rapprezentanti allowances peress li kien juza l-vettura tieghu u ghal petrol.[2]

Illi **Quentin Tanti** in rapprezentanza tar-Registratur tal-Kumpaniji kkonferma li l-imputat kien direttur tal-kumpanija Fomeco Limited

[1] Xhieda 5 ta' Frar, 2018
[2] Xhieda 10 t'April, 2018

bejn l-2013 u l-2014. **Joseph Saliba** in rapprezentanza ta' Jobsplus xehed li l-parte leza kien gie impjegat fl-2011 u qatt ma gie tterminat l-impjieg tieghu ma' Fomeco Limited, tant li saret biss "Provisional Termination" li tkun giet generata mis-sistema stess peress li rrizulta li Marshall beda impjieg x'imkien iehor. *"Voldieri l-impjieg ghadu miftuh a fini ta' ligi."*.[3]

Illi **Dr. Maria Anthea McKay** in rapprezentanza tad-DIER pprezentat statement of account mahdum abbazi tal-FS3 ta' Marshall.[4] L-ammont kkalkolat bhala dovut mid-dipartiment lill-parte leza kien ta' €11,900 izda din ix-xhud ma kienitx f'posizzjoni tiddetermina l-ammonti li l-imputat kien irceva bhala bonus jew salarju biex il-qorti tasal tikkalkula dak li Marshall ghadu dovut u dan minkejja kif inhi postulata l-akkuza li tigi redatta mill-istess dipartiment -*"....hu jrid jghid ghal x'hiex inhuma mhux jien u."*!

Illi kif jinghad il-quddiem, altru li <u>l-kompitu li jiddetermina d-diversi flejjes dovuti u dawk li thallas taghhom jaqa', in gran parte jekk mhux esklussivament, fuq id-dipartiment galadarba huwa l-istess dipartiment li jifformula l-akkuza li titmexxa l-quddiem mill-Pulizija Ezekuttiva</u>.

Illi **Paul Camilleri**, accountant ghal Fomeco Ltd., kkonferma kif quddiem l-imputat kien ltaqa' ma' Marshall u raw ic-cekkijiet kollha li jirrizulta li thallas bihom Marshall. F'ezercizju ezawrjenti li ghamel Camilleri pprezenta lista ta' cekkijiet li thallsu kif inghad fejn jirrizulta li din il-lista taqbel mal-lista li pprezenta l-parte leza. Mhux biss izda Camilleri pprezenta FS3 kif ukoll breakdown tal-pagi li rcieva l-parte leza inkluz dak li thallas tieghu ghal-perjodu pretiz fl-akkuza; itemm jghid li ammont dovut hu dak ta' €350.[5] Ghalhekk hemm divergenza kbira bejn dak li jixhed Marshall u dan ix-xhud fejn il-parte leza tishaq li l-ammont ta' €13,000 kien intlahaq bi qbil ma Camilleri.

Il-Qorti fliet dawn id-dokumenti u jirrizulta li l-parte leza thallas kemm bonus kif ukoll il-weekly allowance li ssir riferenza ghalihom fl-istatement of account mahrug mid-dipartiment li sfortunatament u galadarba l-akkuza hi postulata kif inhi, ghandu <u>jibda jelenka</u>

[3] Xhieda 5 ta' Frar, 2018; Dok. JS.
[4] Dok.MAM.
[5] Vide Dok PC

dettaljatament xahar b'xahar l-ammonti li huma dovuti bhala 'Basic Wage', bhala bonus statutorju u dak dovut bhala weekly allwance ghax-xhur rispettivi.

Illi fil-kamp kriminali fejn Qorti trid tiddeciedi fuq akkuza kif postulata, kemm ix-xhieda ta' rapprezentanti tad-dipartiment kif ukoll kwalunkwe dokument prodott minnhom, ghandhom ikunu tali li, min irid jiddeciedi, jista' jasal jiddetermina jekk l-akkuza gietx pruvata jew le minghajr ma jkollu jkun hu li jaghmel il-kalkoli u il-komputazzjonijiet varji!!

**Ghalhekk wiehed jistenna li d-dipartiment johrog xahar b'xahar l-ammonti diversi dovuti, dawk l-ammonti li effettivament ikunu thallsu bhala paga bazika, bonus, weekly allowance etc., u wara johrog bilanc. Dan ma sarx u mhux qed issir bil-Qorti tigi mistennija li taghmel hi d-debita prova ghall-prosekuzzjoni.**

Dak li ghamel Camilleri meta wera xahar b'xahar dak li thallas l-impjegat b'mod mill-aktar cjar u dettaljat, kellu jkun dak li l-Qorti kienet tistenna li jigi prodott in evidenza mid-dipartiment biex jissostanzja l-akkuza li nharget fuq struzzjonijiet tieghu!

Kif intqal min din l-istess Qorti kif preseduta fid-decizjoni taghha **Il-Pulizija vs Dorothy Vassallo et**:[6]

Illi l-prosekuzzjoni talbet lil din il-Qorti taghmel ordni ai termini tal-artikolu 45(2) tal-Att u cioe` sabiex l-imputati jhallsu €2,766.72 lil Robert Musu.

Illi fi proceduri penali hu mistenni mill-prosekuzzjoni li tressaq prova sal-grad rikjest minnha li l-imputat naqas li jhallas l-ammonti fil-parametri infraskritti fl-akkuza. Fil-fatt anke l-istess disposizzjoni citata fit-talba tal-prosekuzzjoni tipprovdi:

> il-qorti għandha, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni, minbarra li tagħti l-piena stabbilita bis-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu, tordna lill-ħati, **wara l-prova tal-ammont**, li jirrifondi jew iħallas lill-impjegat **....** l-imsemmi ammont dovut minnu....

Ghalhekk meta l-qorti tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta fit-termini tal-artikolu 45(2) tal-Att, jekk il-prosekuzzjoni tonqos millli tressaq id-debita prova, u cioe` kif dettata fl-istess dispozizzjoni tal-ligi dwar l-ammonti li huma dovuti kif specifikat fl-akkuza, din il-qorti ser tkun fl-impossibilita` li tikkundanna lil hati jirrifondi jew iħallas lill-impjegat l-ammonti dovuti kif indikati fl-akkuza u kif mitluba mill-proskeuzzjoni.

Illi dak li ghamel id-dipartiment f'dan il-kaz hu semplicement ezercizzju fejn ikkalkula globalment dak li rcieva l-impjegat tul l-impjieg tieghu, ikkalkula l-ammont li l-impjegat hu dovut lilu ai termini tal-ligi, u hareg l-bilanc rimanenti b'mod globali.

[6] Deciza 06.03.2018

Illi dan l-ezercizzju kien mistenni li jsir partikolarment f'kaz bhal dak in dezamina fejn l-impjegat stess xehed li bonus dejjem hadu u li dak li ma kienx thallas tieghu kienet il-paga ghall-ahhar hmistax il-jum li hadem mal-imputati. Konsegwentement l-ammonti kif indikati fl-akkuza kienu diga jinsabu mhallsa fil-mument li giet intavolata ic-citazzjoni, bil-prosekuzzjoni tonqos, milli tressaq provi biex tindika dak il-hlas ghal xhiex kien jirreferi.

**Certament mhux il-kompitu ta' din il-qorti li toqghod taghmel il-kalkolazzjoni hija stess jew talloka l-hlasijiet li saru tul l-impjieg tieghu biex tiddetermina l-bilanc rimanenti dovut.** [emfazi tal-Qorti]

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti giet prekluza milli taghmel l-ordni ai termini tal-Artiklu 45(2) tal-Att, kif mitluba mill-prosekuzzjoni.

Ghaldaqstant fejn dipartiment jidhirlu li hu difficli li jaghmel il-kaz tieghu kif inghad – ghax wara kollox hu l-istess dipartiment li jippostula l-akkuza u ghalhekk issa sta ghall-istess dipartiment jipprova dik l-akkuza hekk kif postulata - meta hu risaput il-grad ta' prova gholi li hu mistenni fil-kamp penali, ma ghandhomx jigu inizjati proceduri penali. Minflok l-impjegat, li l-ghan primarju tieghu hu li jithallas l-ammont dovut u mhux li l-employer tieghu jigi kkundannat ghal reat, ghandu jigi mgharraf li l-pretensjonijiet minnu vantati ghandhom jigu segwiti f' kawza civili.

Certament wasal iz-zmien li d-dipartiment, galadarba ghandu dmir jittutela l-interessi tal-haddiema, jista' jassisti lill-impjegat permezz ta' avukati tieghu quddiem il-qrati civili.

Illi konsiderazzjoni ohra hi li l-evidenza dettaljata, prezentata minn Camilleri, ixxejjen il-verzjoni tal-parte leza li sahansitra jixhed li kien dovut madwar €13,000. Verzjonijiet kunfliggenti ghall-ahhar fejn hi biss dik moghtija minn Camilleri, li giet sostanzjata bi provi. B'retezza Camilleri jixhed li mir-rendikont li sar minnu u l-imputat kienet rrizultat diskrepanza ta' madwar €350 li kienu baqghu dovuti lil Marshall. Madanakollu l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova sal-grad mistenni ghal liema perjodu dan l-ammont kien dovut tenut kont li Camilleri beda l-kalkoli tieghu sa mis-sena 2011 filwaqt li l-akkuza hi limitata ghall-perjodu specifikat.

Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti ma tistax ghajr tillibera lill-imputat minn kwalunkwe htija u piena.

In vista tax-xhieda moghtija mir-rapprezentant ta′ Jobsplus qed taghti lill-imputat zmien tlett ijiem millum biex formalment jinnotifika lil Jobsplus bit-terminazzjoni tal-impjieg ta′ Marshall.

Tordna notifika ta′ din is-sentenza lid-Direttur, Dipartiment tar-Relazzjoni Industrijali u l-Impjiegi.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**